Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,642, 11 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 244 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 369 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara, ħlief għall-ordinament 5 li għandu jkun applikabbli għal korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“L-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta’ Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta’ Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta’ dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta’ Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta’ dak l-Att:”

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta’ Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F’dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod’ieħor -

“il-Bord” tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

“il-Grad” tfisser il-grad ta’ Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts –;

“il-Kors” tfisser il-programm ta’ studju li jwassal għall-grad ta’ Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts –; u

“ir-Regolamenti Prinċipali” tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2019.”

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkunu għaddew fil-Livell Avvanzat fl-Arti bi Grad Ċ jew aħjar; jew”

6. Minflok is-sotto-paragrafu (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) ikollhom kwalifika li tinkludi mhux inqas minn 60 krettu ECTS (jew l-ekwivalenti), klassifikat fil-Livell 5 skont il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki f'qasam meqjus rilevanti mill-Bord, flimkien ma' ċertifikat fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar f'wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin: il-Filosofija, l-Information Technology, l-Ingliż, l-Istorja, il-Komunikazzjoni Grafika, il-Marketing, is-Soċjoloġija, jew suġġett ieħor (l-Arti ma jiġix aċċettat) meqjus bħala ekwivalenti mill-Bord, flimkien ma' ċertifikati fil-Livell tas-SEC bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, il-Matematika u l-Malti; jew"

7. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti li japplikaw skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom jippreżentaw kwalifiki professjonali oħra u/jew esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma jkunu laħqu il-livell akkademiku biex isegwu l-Kors bi profitt."

8. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa jattendu għal intervista u jippreżentaw portafoll ta' xogħol riċenti tagħhom lill-bord tal-intervisti. L-applikanti li ma jmorrux tajjeb fl-intervista ma jidħlux fil-Kors."